MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Numru. 38/2012

**PULIZIJA
SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**VS**

**GODFREY WETTINGER**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Godfrey Wettinger, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 007630 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar l-1 ta` Ottubru 2010, ghal-habta tad-disgha ta` filghodu (09:00hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe` fi Triq Mikiel Anton Vassali, Msida, waqt li kien qieghed isuq vettura ta` l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni HBG 939, b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Michael Theuma hekk kif iccertifikat Dr. Agnes Ciesielski (M.D.) (Med. Reg. No. 5210) tal-isptar Mater Dei.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;
Wara li rat l-Artikoli 226 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant tikkundannah twiddiba u canfira. Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------